Nru. 17,598
Prezz 64ċ
Price 64c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 2 ta' Ġunju, 2004
Wednesday, 2nd June, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 555

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-2 ta' Ġunju, 2004
(File No. L372/74/I/9A)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Illi b'dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tat-18 ta' Ottubru, 1974, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Marsa:–

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 177.8 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tad-Ditta C. Bajada & Sons Ltd., mil-Lvant ma' proprjetà ta' Nicholas DePiro D'Amico Inguanez u mill-Punent ma' Triq Jetties jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur aħmar u mmarkata bħala *plot* nru. 9A fuq pjanta L.D. Nru. 224A/74/4, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

GOVERNMENT NOTICES

No. 555

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration, made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

2nd June, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by declaration of the President of Malta dated 18th October, 1974, the undermentioned land had been declared as required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that the acquisition thereof should have been by absolute purchase.

Description of the Land

The following land at Marsa:–

A plot of land of the area of about 177.8 square metres, bounded on the North by property of the Company C. Bajada & Sons Ltd., on the East by property of Nicholas DePiro D'Amico Inguanez and on the West by Triq Jetties or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown with the colour red and marked as plot no. 9A on plan L.D. No. 224A/74/4, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta odjerna qiegħda tiġi ppubblikata għall-fini ta' l-Att XI ta' l-2002.

Il-kumpens offrut mill-Gvern għad-Dirett Dominju Perpetwu hu ta' mija u dsatax-il Lira Maltija u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm119.92) skond l-Avviż ta' Ftehim tat-8 ta' April 1980 u kkonfermat b'deċiżjoni tal-5 ta' April 1982 mill-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet.

Il-kumpens offrut mill-Gvern għall-Utile Dominju Perpetwu intier hu ta' disa' mija u ħdax-il lira Maltija u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm911.33) skond l-Avviż ta' Ftehim ta' l-20 ta' Awissu 1980.

Il-kumpens stabbilit mill-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet għal dawk li kkontestaw il-prezz muri fl-Avviż ta' Ftehim ġie ffissat għal elf u ħamsa u sittin Lira Maltija u tmienja u tletin ċenteżmu (Lm1,065.38) għall-intier skond deċiżjoni tal-5 ta' April 1982 mill-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, liema deċiżjoni bidlet l-istima tal-perit arkitett Oscar Caruana Montaldo, A&CE, li kopja tagħha qed tiġi ppubblikata ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* li turi l-imsemmija immobbli.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President
21/05/2004

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 5475.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

B'riferenza għall-istima ta' 5 ta' Frar, 1980, dwar biċċa art fil-Marsa, indikata bħala *Plot* Nru. 9A fuq *Land Drawing* Nru. 224A/74/4 irriżulta – minn riċerki li saru – li din l-art hija soġġetta għar-rata tagħha ta' £M5.99,6 ċens perpetwu fis-sena, għalhekk, il-valur liberu u frank ta' £M1031.25,0 għandu jinqasam hekk:

£M119.92,0 Dirett Dominju Perpetwu proprjetà ta' sidien mhux magħrufa.

£M911.33,0 Utile Dominju perpetwu proprjetà ta' Ronald Bajada ta' 21, Triq l-Isqof Caruana, Msida u oħrajn.

O. Caruana Montaldo
Arkitett u Inġinier Ċivili
fid-Dipartiment ta' l-Art

Il-21 ta' Frar, 1980

Whereas the present Declaration by the President of Malta is being issued in terms of Act XI of 2002.

The compensation offered by Government for the Perpetual Direct Dominium is one hundred and nineteen Maltese Liri and ninety two cents (Lm119.92), according to the Notice of Agreement of the 8th April 1980 and confirmed by a decision of the 5th April 1982 made by the Land Arbitration Board.

The compensation offered by Government for the entire Perpetual Utile Dominium is nine hundred and eleven Maltese Liri and thirty three cents (Lm911.33), according to the Notice of Agreement of the 20th August 1980.

The compensation established by the Land Arbitration Board for those who have contested the price shown in the Notice of Agreement has been fixed at one thousand and sixty Maltese Liri and thirty eight cents (Lm1,065.38) in its entirety according to the decision of the Land arbitration Board of the 5th April 1982, which decision changed the valuation of architect Oscar Caruana Montaldo, A&CE, a copy of which is published with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President
21/05/2004

This site plan is being published on page 5475.

Architect's Valuation (original in Maltese)

With reference to the valuation of the 5th February, 1980, regarding a plot of land at Marsa, shown as Plot No. 9A on Land Drawing No. 224A/74/4, it resulted – from research done – that this land is subject to its annual perpetual groundrent of £M5.99,6, therefore the freehold value of £M1031.25,0 should be divided as follows:

£M119.92,0 Perpetual Direct Dominium property of unknown owners.


£M911.33,0 Perpetual Utile Dominium property of Ronald Bajada of 21, Triq l-Isqof Caruana, Imsida and others.

O. Caruana Montaldo
Architect and Civil Engineer
at the Lands Department


21st February, 1980

Dan hu dokument uffiċjali għall-użu biss fir-Reġistru tal-Artijiet

This is an official document for Land Registry use only [227 - Diviżjoni ta' l-Artijiet tal-Gvern]



NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Gvern Ta' Malta — Pjanta tas-sit 1:2500 *Site Plan* — Government of Malta

Reġistru ta' l-Artijiet — **Land Registry**

Casa Bolino, 116 Triq il-Punent, Valletta — *Casa Bolino, 116 West Street, Valletta*

Nru tal-Mappa: *Map Number:* 74431M	Pożizzjoni Ċentrali: x = 54904 *Centre Coordinates:* y = 70720	*Parti minn SS:* *Extracted from SS:* 5470	Data: *Date:* 18/02/2004

Perit *Architect:*

Timbru tal-Perit *Architect's Stamp*

Stefan Scotto A. & C.E.

Qies (metri kwadri) *Area (square metres)* Circa - 1478 m²

Firma tal-Applikant *Applicant's signature*

Dritt Mħallsa *Fee Paid*

Nru. 556

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-2 ta' Ġunju, 2004

(File No. L633/74/1)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Illi b'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tas-7 ta' Novembru, 1975, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Ħal Safi:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 335.9 metri kwadri (76.5 qasab kwadri), li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika, mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sinjura Dorothy Schembri u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Francis Gauci jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur isfar u mmarkata bħal *plot* numru 1 fuq il-pjanta L.D. Nru. 59/75, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta odjerna qiegħda tiġi ppubblikata għall-fini ta' l-Att XI ta' l-2002.

Il-kumpens offrut hu ta' għoxrin elef Lira Maltija (Lm20,000), skond l-Avviż ta' Ftehim tat-28 ta' April 2000,

No. 556

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration, made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

2nd June, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by declaration of the President of Malta dated7th November, 1975, the undermentioned land had been declared as required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that the acquisition thereof should have been by absolute purchase.

Description of the Land

The following land at Safi:–

1. A plot of land of the area of about 335.9 square metres, (76.5 square canes), bounded on the North West by a public road, on the South East by property of Mrs Dorothy Schembri and on the East by property of Mr Francis Gauci or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown with the colour yellow and marked as plot no. 1 on plan P.D. 59/75, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

Whereas the present Declaration by the President of Malta is being issued in terms of Act XI of 2002.

The compensation offered is twenty thousand (Lm20,000) according to the Agreement Notice dated 28th April 2000,

liema avviż ħareġ skond l-istima tal-Perit Carmen V. Sutton A&C.E., li kopja tagħha qed tiġi ppubblikata ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* ta' l-immobbli msemmija.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President
21/05/2004

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 5478.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

Art f'Ħal Safi

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta f'Ħal Safi, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li ħadt in konsiderazzjoni l-lokalità, kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur ta' l-istess proprjetà:

Plot 1. Biċċa art tal-kejl ta' circa 335.9 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Dorothy Schembri u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Francis Gauci, liema art hija meqjusa bħala art fabbrikabbli fit-termini ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet u hija murija bl-isfar u mmarkata bin-numru 1 fuq il-pjanta L.D. 59/75, hija stmata għall-valur ta' għoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000).

Carmen V. Sutton, A.&C.E.

7 ta' Ottubru 1999

N.B. Dan ir-rapport qiegħed jibdel ir-rapport datat 7 ta'April 1975 f'dak li għandu x'jaqsam mal-proprjetà hawn fuq imsemmija.

which notice issued the valuation as made by Architect Carmen V. Sutton A&C.E., a copy of which is being published with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President
21/05/2004

This site plan is being published on page 5478.

Architect's Valuation (original in Maltese)

Land at Safi


On the instructions by the Commissioner of Land to assess under the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, I am hereby assessing the freehold value of the hereunder described property at Safi, required by Government for a public purpose and this after taking into consideration the locality as well as other factors which could have a bearing on the value of the same property:

Plot 1. A plot of land of the area of about 335.9 square metres, bounded on the North West by a public road, on the South East by property of Dorothy Schembri and on the East by property of Mr Francis Gauci which land is considered as a building site in terms of the Land Acquisition Ordinance and is shown in yellow and marked with number 1 on plan L.D. 59/75, is assessed for the price of twenry thousand Maltese Liri (Lm20,000).

Carmen V. Sutton, A.&C.E.

7th October 1999

N.B. This report is substituting the report dated 7th April 1975 in that relating to the property above mentioned property.


This is an official document for Land Registry use only [227 - Divizjoni tal-Artijiet tal-Gvern]
Dan hu dokument ufficjali ghall-uzu biss fir-Registru tal-Artijiet
Gvern Ta' Malta
Registru ta' l-Artijiet
Government of Malta
Land Registry
SAFI
HAL-SAFI
TRIO IS-SUMMIEN
IN-NASSARA
Nru tal-Mappa 77947M
Map Number:
Pozizzjoni Centrali: x= 55351
Centre Coordinates: y= 65870
Pjanta mis-sit 1:2500 Site Plan
Perit Architect:
Tinkiteg tal-Perit
MICHAEL SCHEMBRI
Architect & Civil Engineer
Data 20/04/2004
Date:
Qies (metri kwadri)
Area (square metres)
Area - 835·9m²
Firma tal-Applikant
Applicant's signature
Drift Mhallas
Fee Paid
Scale 1:500
NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

Nru. 557

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-2 ta' Ġunju, 2004
(File No. L767/66/1)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Illi b'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tas-26 ta' Marzu, 1968, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Santa Venera:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,503 metri kwadri (1 Tomna, 2 Sigħan u 0.19 Kejliet), li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sinjura Elizabeth Cassar jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur isfar u mmarkata bħala *plot* numru 1 fuq il-pjanta L.D. Nru. 349B/66, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta odjerna qiegħda tiġi ppubblikata għall-fini ta' l-Att XI ta' l-2002.

Il-kumpens offrut hu ta' elf, erba' mija u tnax-il Lira Maltija (Lm1,412), kif iffissat b'deċiżjoni ta' l-24 ta' Novembru, 1971 mill-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, liema deċiżjoni bidlet l-istima tal-perit arkitett R. Buttigieg, A&C.E., li estratt tagħha qed jiġi ppubblikat ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* li turi l-imsemmija immobbli.

(Iff) Edward Fenech Adami
President
21/05/2004

No. 557

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration, made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

2nd June, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by declaration of the President of Malta dated 26th March 1968, the undermentioned land had been declared as required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that the acquisition thereof should have been by absolute purchase.

Description of the Land

The following land at Santa Venera:–

1. A plot of land of the area of about 1,503 square metres, (1 Tomna, 2 Sigħan u 0.19 Kejliet), bounded on the North and West by Government property, and on the East by property of Mrs Elizabeth Cassar or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown with the colour yellow and marked as plot number 1 on plan L.D. No. 349B/66,which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

Whereas the present Declaration by the President of Malta is being issued in terms of Act XI of 2002.

The compensation offered is one thousand, four hundred and twelve Maltese Liri (Lm1,412), according to the decision dated 24th November, 1971 by the Land Arbitration Board, which decision has changed the valuation by architect R. Buttigieg, A&C.E., an extract of which is being published with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President
21/05/2004

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 5481.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

Akkwist ta' Art f'Santa Venera

Ġejt mogħti struzzjonijiet mill-Kummissarju ta' l-Art biex nistma, skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136) il-valur ta' l-art hawn taħt imsemmija, bħala libera u franka, li hija meħtieġa mill-Gvern in konnessjoni mal-bini ta' *Telephone Exchange*.

"A" Deskrizzjoni tal-Art

L-Art li ġejja f'Santa Venera

1. Biċċa art tal-kejl ta' Tmien 1, Sigħan 2, Kejliet 0.19 li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern Ċivili, u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sinjura Elizabeth Cassar. Din hi proprjetà ta' sid jew sidien mhux magħrufa jew inċerti.

...Omissis...

L-art hawn fuq imsemmija tidher fuq planta mmarkata L.D. 349B/66 li wieħed jista' jaraha fl-Uffiċċju tal-Kummissarju ta' l-Art, f'Nru. 29, Triq Nofsinhar, il-Belt.

"B" Stima

Wara li spezzjonajt il-lok u wara li ħadt in konsiderazzjoni l-lokalità kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur tal-art imsemmija, jiena nistma din l-art bħala libera u franka, kif sejjer jingħad:-

1. Proprjetà ta' sid jew sidien mhux magħrufa jew inċerti £187.2.2

...Omissis...

(R. Buttigieg)
Arkitett u Inġinier Ċivili
fid-Dipartiment ta' l-Art

Estratt ta' l-Oriġinal

This site plan is being published on page 5481.

Architect's Valuation (original in Maltese)

Acquisition of Land atSanta Venera

On the instructions by the Commissioner of Land to assess under the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, I am hereby assessing the freehold value of the hereunder described property at Safi, required by Government in connection with a Telephone Exchange.

"A" Description of the Land

The followjng lamd at Santa Venera

1. A plot of land of the area of Eight 1, Sigħan 2, Kejliet 0.19 bounded on the North and West by property of the Civil Government, on the East by property of Mrs Elizabeth Cassar. This property is owned by one or more unknown or uncertain owners

...Omissis...

The above mentioned land is shown with plan marked L.D. 349B/66 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

"B" Valuation

After inspecting the place and after considering the locality as well as other matters which may have a bearing on the mentioned land, I value this land as free and unencumbered, as follows:–


1. Property of unknown or uncertain owner or owners £187.2.2

...Omissis...

(R. Buttigieg)
Architect and Civil Engineer
at the Land Department

Extract from the Original

Dan hu dokument ufficjali ghall-użu biss fir-Registru tal-Artijiet This is an official document for Land Registry use only [227 - Diviżjoni ta' l-Artijiet tal-Gvern]





Gvern Ta' Malta — Pjanta tas-sit 1:2500 *Site Plan* — Government of Malta

Reġistru ta' l-Artijiet — ***Land Registry***

Casa Bolino, 116 Triq il-Ponent, Valletta — *Casa Bolino, 116 West Street, Valletta*

Nru tal-Mappa *Map Number:* 78149M	Pożizzjoni Ċentrali: x = 52491 *Centre Coordinates:* y = 72454		*Parti minn SS:* *Extracted from SS:* 5272	Data: *Date:* 23/04/2004
Perit *Architect:* M. Schembri A.& C.			Qies (metri kwadri) *Area (square metres)* 1503 m²	
Timbru tal-Perit *Architect's Stamp*	MICHAEL SCHEMBRI *Architect & Civil Engineer*		Firma tal-Applikant *Applicant's signature*	
			Dritt Mhallas *Fee Paid*	

Nru. 558

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-2 ta' Ġunju, 2004
(File No. L533/75/3)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Illi b'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tas-7 ta' Novembru,1975, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni ta' l-Art

Il-fond li ġej fil-limiti ta' Ħal Luqa:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 184 metru kwadru (9.82 Kejliet), li tmiss mix-Xlokk ma' proprjetà tal-werrieta tal-mejjet is-Sur Patist Mifsud, mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur John Fiott u mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-werrieta tal-mejjet is-Sur Patist Mifsud jew irjieħ verjuri.

Il-fond hawn fuq imsemmi jidher muri bil-kulur aħmar u mmarkat bħala *plot* numru 3 fuq il-pjanta L.D. Nru. 249/75, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta odjerna qiegħda tiġi ppubblikata għall-fini ta' l-Att XI ta' l-2002.

Il-kumpens offrut huwa ta' erbgħa u għoxrin Lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm24.55), skond l-Avviżi ta' Ftehim tat-18 ta' Marzu, 1977, liema avviż ħareġ skond estratt ta' istima tal-perit O. Caruana Montaldo, A&C.E., li kopja tiegħu qed tiġi ppubblikata ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* li turi l-imsemmija immobbli.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President
21/05/2004

No. 558

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration, made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

2nd June, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by declaration of the President of Malta dated 7th November 1975, the undermentioned land had been declared as required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that the acquisition thereof should have been by absolute purchase.

Description of the Land

The following premises at Luqa:–

1. Plot of land measuring about 184 square metres (9.82 Kejliet), bounded on the South East by property of the heirs of the late Mr Patist Mifsud, on the West by property of Mr John Fiott and on the North by property of the heirs of the late Mr Patist Mifsud or more precise boundaries.

The above mentioned premises is shown with the colour red and marked with the number 3 on plan L.D. No. 249/75, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

Whereas the present Declaration by the President of Malta is being issued in terms of Act XI of 2002.

The compensation offered is twenty four Maltese Liri and fiftyfive cents (Lm24.55), according to the Notices of Agreement of the 18th March, 1977, which Notice was issued according to the extract from the valuation as made by architect O. Caruana Montaldo, A&C.E., a copy of which is being published with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President
21/05/2004

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 5484.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

Art f'Ħal Luqa

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, qieghed istma, skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, (Kap. 136) il-valur, liberu u frank, ta' l-art hawn taħt deskritta, fil-limiti ta' Ħal Luqa u ta' Raħal Ġdid meħtieġa mill-Gvern għal Skop Pubbliku.

Wara li spezzjonajt il-lok u wara li ħadt in konsiderazzjoni l-lokalità kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur tal-proprjetà deskritta, qieghed nistma l-valur liberu u frank, kif jidher hawn taħt:-

L-art li ġejja fil-limiti ta' Ħal Luqa u Raħal Ġdid:

...Omissis...

3. Biċċa art fil-limiti ta' Ħal Luqa tal-kejl ta' 0 Tumoli 0 sigħan 9.82 Kejliet (184.0 metri kwadri), tmiss mix-Xlokk ma' proprjetà tal-werrieta tal-mejjet Sur Patist Mifsud, mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur John Fiott u mit-Tramuntanta ma' proprjetà fil-kors ta' akkwist mill-Gvern, proprjetà tal-werrieta tal-mejjet Sur Patist Mifsud.

Stmata £M24.55,0

...Omissis...

Il-biċċiet art hawn fuq deskritti jidhru fuq pjanta mmarkata L.D. 249/75.

Ft: O. Caruana Montaldo
Arkitett u Inġinier Ċivili
fid-Dipartiment ta' l-Art.

ESTRATT TA' L-ORIĠINAL

21 ta' Ottubru, 1975

This site plan is being published on page 5484.

Architect's Valuation (original in Maltese)

Land at Luqa

I have been instructed by the Commissioner of Land to assess under the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, (Cap. 136) the freehold value of the hereunder described property in the limits of Luqa and Paola, required by Government for a public purpose.

After taking into consideration the place and after have considered the locality as well as other factors which could have a bearing on the value of the property described, I assess the freehold value as follows:

The floowing land in the limits of Luqa and Paola

...Omissis...

3. A plot of land in the limits of Luqa mearung 0 Tumoli 0 sigħan 9.82 Kejliet (184.0 square metres), bounded on the South East by property of the heirs of the late Mr Patist Mifsud, on the West by property of Mr John Fiott and on the North by property in the process of being acquired by Government, property of the heirs of the late Mr Patist Mifsud.

Valued £M24.55,0

...Omissis...


The plots of land described above are shown on plan marked L.D. 249/75.

sgd: O. Caruana Montaldo
Architect and Civil engineer
at the Land Department

AN EXTRACT FROM THE ORIGINAL

21 October 1975

Dan hu dokument uffiċjali għall-użu biss fir-Reġistru tal-Artijiet This is an official document for Land Registry use only [127 - Diviżjoni ta' l-Artijiet tal-Gvern]



NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Gvern Ta' Malta — Pjanta tas-sit 1:2500 *Site Plan* — Government of Malta

Reġistru ta' l-Artijiet — **Land Registry**

Casa Bolino, 116 Triq il-Punent, Valletta — *Casa Bolino, 116 West Street, Valletta*

Nru tal-Mappa: *Map Number:* 77948M	Pożizzjoni Ċentrali: x = 54686 *Centre Coordinates:* y = 68975	*Parti minn SS:* *Extracted from SS:* 5469 5468	Data: *Date:* 20/04/2004	
Perit *Architect:* M. Schembri Arce		Qies (metri kwadri) *Area (square metres)* Area - 184 m² .		
Timbru tal-Perit *Architect's Stamp* MICHAEL SCHEMBRI Architect & Civil Engineer		Firma tal-Applikant *Applicant's signature*		
			Dritt Mħallas *Fee Paid*	

Nru. 559

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-2 ta' Ġunju, 2004
(File No. L596/70/15)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Illi b'dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tas-6 ta' Ottubru, 1972 l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-limiti ta' Birkirkara:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 517.1 metri kwadri, li tinkludi nofs il-wisa' ta' sqaq, li tmiss mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur John Said Pullicino, min-Nofsinhar ma' Triq tal-Balal, mill-Punent ma' sqaq u mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Joseph Borg jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur isfar u mmarkata bħala plot numru 15 fuq il-pjanta L.D. Nru. 97A/72, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta odjerna qiegħda tiġi ppubblikata għall-fini ta' l-Att XI ta' l-2002.

Il-kumpens offrut hu ta' tlieta u sittin Lira Maltija u sitt ċenteżmi (Lm63.06) għad-Dirett Dominju Temporanju u s-sussegwenti proprjetà u ta' ħames Liri Maltin u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Lm5.94), għall-Utile Dominju Temporanju skond l-Avviż ta' Ftehim ta' l-24 ta' Jannar 1978, liema avviż ħareġ skond żewġ stimi, waħda tal-Perit Edgar Xuereb A&C.E., u l-oħra tal-Perit Oscar Caruana Montaldo, A&C.E., li estratt u kopja tagħhom qed jiġu ppubblikati ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* li turi l-imsemmija immobbli.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President
21/05/2004

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 5487.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

Art l-Birkirkara

No. 559

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration, made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

2nd June, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by declaration of the Governor General dated 6th October, 1972, the undermentioned land had been declared as required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that the acquisition thereof should have been by absolute purchase.

Description of the Land

The following land at Birkirkara:–

1. A plot of land of the area of about 517.1 square metres, including half of the width of an alley, bounded on the East by property of Mr John Said Pullicino, on the South by Triq tal-Balal, on the West by an alley and on the North by property of Mr Joseph Borg or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown marked with the colour yellow and marked as plot number 15 on plan on plan L.D. No. 97A/72, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

Whereas the present Declaration by the President of Malta is being issued in terms of Act XI of 2002.

The compensation offered is sixty three Maltese Liri (Lm63.06) for the Direct Temporary Dominium and the subsequent property and five Maltese Liri and ninety four cents (Lm5.94), and for the Utile Temporary Dominium according to the Notice of Agreement dated 24th January 1978, which notice was issued accoring to two valuations, one by Architect Edgar Xuereb, A&C.E., and the other by Architect Oscar Caruana Montaldo, A&C.E., an extract and a copy of which are being published with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President
21/05/2004

This site plan is being published on page 5487.

Architect's Valuation (original in Maltese)

Land at Birkirkara

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju ta' l-Artijiet qiegħed nistma, skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta f'San Ġwann/f'Birkirkara Naxxar/Għargħur, meħtieġa mill-Gvern għal Skop Pubbliku.

Wara li spezzjonajt il-lok u wara li ħadt in konsiderazzjoni l-lokalità kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkolhom x'jaqsmu mal-valur tal-proprjetà deskritta, qiegħed nistma l-valur kif jidher hawn taħt:-

...Omissis...

L-art li ġejja fil-limiti ta' Birkirkara.

...Omissis...

15. Biċċa art tal-kejl ta' 2 sigħan 7.6 Kejliet (517.1 metri kwadri) li tinkludi nofs il-wisa' ta' sqaq, tmiss mill-Lvant ma' propjetà tas-Sur John Said Pullicino, min-Nofsinhar ma' triq Tal-Balal mill-Punent ma' sqaq u mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Joseph Borg.

(Il-valur tar-Razzett ma hux qed jiġi kkunsidrat peress li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi se jipprovdi kumditajiet minnfloku).

Stmata: £M69.00,0

...Omissis...

Il-biċċiet ta' art hawn fuq imsemmija huma markati fuq pjanti L.D. 97/72 u L.D. 97A/72.

(E. Xuereb)
Arkitett u Inġinier Ċivili
fid-Dipartiment tal-Art.

ESTRATT TA' L-ORIĠINAL

2 ta' Mejju, 1972

B'riferenza għall-istima ta' biċċa art fil-limiti ta' Birkirkara deskritta fl-istima tat-2 ta' Mejju, 1972 u indikata bħala plot 15 fuq il-pjanta L.D. 97A/72, niddikjara li l-valur, liberu u frank ta' £M69.00,0 għandu jinqasam hekk:-

Id-Direttt Dominju Temporanju (ekwivalenti għal £0.25,5 ċens fis-sena għaż-żmien li kien fadal bejn April 1970 u Marzu 1972) u l-valur tal-proprjetà sussegwenti proprjetà ta' Rev. Arċipriet Paolo Attard, proc: Rabat Parish Church (37, Main Street, Rabat, Malta).

Stmat £M63.06,0

L-Utile Dominju Temporanju, proprjetà tas-Sinjura Rosina Aquilina, F/House, 2, Naxxar Road, B'Kara, u oħrajn

Stmat £5.94,0
O. Caruana Montaldo
Arkitett u Inġinier Ċivili
fid-Dipartiment ta' l-Art

I have been instructed by the Commissioner of Land to assess under the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, the freehold value of the hereunder described property at San Ġwann/f'Birkirkara Naxxar/Għargħur, required by Government for a public purpose.

After taking into consideration the locality as well as other factors which could have a bearing on the value of the property described, I assess the freehold value as follows:

...Omissis...

The following land in the limits of Birkirkara.

...Omissis...

15. A plot of land measuring 2 sigħan 7.6 Kejliet (517.1 metri kwadri) including half the width of alley, bounded on the East by property of Mr John Said Pullicino, on the South by Triq Tal-Balal on the West by an alley and on the North by property of Mr Joseph Borg.

(The value of the Farmhouse is not being considered as the Public Works Department is to provide goods instead).

Valued: £M69.00,0

...Omissis...

The above mentioned plots of land are marked on plans L.D. 97/72 and L.D. 97A/72.

(E. Xuereb)
Architect and Civil Engineer
at the Land Department

EXTRACT FROM THE ORIGINAL

2nd May, 1972


With reference to the estimate for the plot of land in the limits of Birkirkara described in the valuation dated 2nd May, 1972 and indicated as plot 15 on plan L.D. 97A/72, I declare the value, free and unencumbered of £M69.00,0 should be divided as follows:-

The Direct Temporary Dominium(equivalent to an annual enphytheusis of £0.25,5 for the remaining period between April 1970 and March 1972) and the value of the subsequent property owned by Rev. Archpriest Paolo Attard, proc: Rabat Parish Church (37, Main Street, Rabat, Malta).

Stmat £M63.06,0

The Utile Dominju Temporanju, property of Mrs Rosina Aquilina, F/House, 2, Naxxar Road, B'Kara, and others

Valued £5.94,0
O. Caruana Montaldo
Architect and Ciovil Engineer
at the Land Department


Dan hu dokument uffiċjali għall-użu biss fir-Reġistru tal-Artijiet
This is an official document for Land Registry use only
[227 - Direttorji ta' l-Artijiet tal-Gvern]
SAN GWANN
Tal-Majjistet Ld
Triq Tal-Bellat
Gvern Ta' Malta
Pjanta tas-sit 1:2500 Site Plan
Government of Malta
Registru ta' l-Artijiet
Land Registry
Casa Bolina, 116 Triq il-Pretorja, Valletta
Casa Bolina, 116 West Street, Valletta
Nru tal-Mappa: 779949M
Map Number:
Pożizzjoni Ċentrali: x = 51752
Centre Coordinates: y = 74489
Parti minn SS:
Extracted from SS:
5074
Data: 20/04/2004
Date:
Qies (metri kwadri)
Area (square metres)
Firma tal-Applikant
Applicant's signature
Perit
Architect:
Timbru tal-Perit
Architect's Stamp
MICHAEL SCHEMBRI
Architect & Civil Engineer
Dritt Mhallas
Fee Paid
NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

Nru. 560

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-2 ta' Ġunju, 2004
(File No. L142/62/III/4)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Illi b'dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tal-21 ta' Ottubru 1966 l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'San Ġiljan:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 637 metru kwadru (3 sigħan, 4 kejliet), li tmiss mit-Tramuntana in parti ma' propjetà ta' Emanuele Borg u oħrajn u in parti ma' proprjetà Carmelo Pulo, min-Nofsinhar in parti ma' proprjetà tal-Gvern Ċivili u in parti ma' Triq Birkirkara u mill-Punent ma' proprjetà ta' Emanuele Borg u oħrajn jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur aħdar u mmarkata bħala *plot* nru "2" fuq il-pjanta L.D. Nru. 284/66, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta odjerna qiegħda tiġi ppubblikata għall-fini ta' l-Att XI ta' l-2002.

Il-kumpens offrut hu ta' seba' mija u ħamsa u għoxrin Lira Maltija (Lm725), għad-dirett Dominju Petpetwu u ta' tliet mija u erbgħa u għoxrin Lira Maltija (Lm324) għall-Utile Dominju Petpetwu skond l-Avviż ta' Ftehim tas-26 ta' Ottubru 1966, liema avviż ħareġ skond l-istima tal-Perit R Buttigieg, A&C.E., li kopja tagħha qed tiġi ppubblikata ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* ta' l-immobbli msemmija.

(Iff) Edward Fenech Adami
President
21/05/2004

No. 560

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration, made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

2nd June, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

